MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 68/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Philip Fenech**

Numru 68/2014

Illum 25 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Philip Fenech**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Raymond u Maria Dolores neé Bugeja, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar il-11 ta' Dicembru

1978, residenti Maryvale, Triq Qasam San Gorg, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 2779(G), akkuzat talli nhar l-10 ta' Marzu 2014 hekk ghall-habta ta' nofsinhar fi Triq Antonio Mallia fir-Rabat, Ghawdex:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioé *road licence* falza ta' vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 352;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu minn *road licence* falza fuq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 352;

3. fl-istess data hin lok u cirkustanzi sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar is-16 ta' Lulju 2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirtira t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu (Dok. "B").

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikoli 183 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Philip Fenech hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------